



Kisbiet, sfidi u outputs prinċipali tal-2019

Punti prinċipali mir-Rapport Annwali tad-Direttur

Din il-ġabra toffri għażla ta' attivitajiet prinċipali mill-2019 iżda assolutament mhijiex rappreżentazzjoni tal-firxa sħiħa tal-kisbiet tal-ECDC matul dik is-sena. Ħarsa dettaljata lejn il-firxa tal-attivitajiet tal-ECDC, l-istrutturi organizzattivi u amministrattivi tiegħu, u l-pjan ta' ħidma tiegħu jinstabu fil-verżjoni sħiħa tar-Rapport Annwali.

<https://ecdc.europa.eu/en/publications-data/annual-report-director-2019>

Referenza suġġerita:

Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Kisbiet, sfidi u outputs prinċipali – 2019: Punti prinċipali mir-Rapport Annwali tad-Direttur Stokkolma: ECDC; 2020.

ISBN 978-92-9498-486-9 (PDF)

ISSN 2529-6019 (PDF)

doi 10.2900/306072 (PDF)

Numru tal-katalgu TQ-AX-20-001-MT-N (PDF)

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2020

L-istampi kollha © ECDC, ħlief (cc) il-liċenzja tal-Creative Commons tal-attribuzzjoni mhux kummerċjali (CC BY-NC 4.0) permezz tal-utenti ta' Flickr.com li ġejjin: NIAID (paġna 6); Pandiyan V (paġna 8, fuq); Luke Dennison (paġna 8, isfel); Dipartiment tal-Agrikoltura ta' Oregon (paġna 10, fuq); Alexandra E. Rust (paġna 10, isfel); Anders Pearson (paġna 16, fuq); Nicolas Nova (paġna 24/25).

Ir-riproduzzjoni tiġi awtorizzata, sakemm is-sors ikun rikonoxxut.

Ir-ritratti użati f'din il-pubblikazzjoni skont id-drittijiet tal-awtur ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħrajn għajr għal din il-pubblikazzjoni jekk mhux bil-permess espliċitu tad-detentur tad-dritt tal-awtur.

Kisbiet, sfidi u outputs prinċipali tal-2019

Punti prinċipali mir-Rapport Annwali tad-Direttur

Werrej

Daħla	3
Introduzzjoni	3
ECDC – l-Aġenzija tal-Ewropa għas-saħħa pubblika	5
Approċċ Ewropew għas-sorveljanza tal-mard	5
Il-Programmi tal-ECDC għall-Mard: <i>data</i> għat-tħejjija, il-prevenzjoni u r-rispons	5
It-theddida tar-reżistenza għall-antimikrobiċi	7
Fuq nett tal-aġenda fl-2019: Ebola, Zika u Lyme	9
Tifqigħat mill-ikel jeħtieġu rispons Ewropew	11
Qed jiżdiedu b'mod stabbli mill-2010: sifilide	13
Tlaqqam!	15
It-tuberkulożi, il-prevalenza tagħha u l-prevenzjoni tagħha	17
Il-vaċċini jaħdmu	19
Aktar <i>data</i> , aktar malajr, u għal aktar mard	21
Sorveljanza tal-mard	21
Informazzjoni dwar l-epidemiji	21
Tħejjija	23
Rispons	23
Parir xjentifiku	23
Mikrobijoloġija	25
L-ECDC u l-komunità tas-saħħa pubblika tal-Ewropa	27
Taħriġ dwar is-saħħa pubblika	27
Komunikazzjoni dwar is-saħħa pubblika	28
L-ECDC f'numri	29





Daħla mill-President tal-Bord tat-Tmexxija

Kisba ewlenija tal-Bord tat-Tmexxija fl-2019 kienet il-finalizzazzjoni tat-tielet evalwazzjoni esterna indipendenti taċ-Ċentru. L-evalwazzjoni wriet il-progress fl-aħħar ħames snin: L-ECDC, ir-rapport finali qal, “appoġġa b’suċċess l-oqsma ta’ prijorità tal-politika tal-UE u dik nazzjonali u wera l-kapaċità li jadatta b’suċċess għall-iżviluppi tal-politika, u kkonferma r-rilevanza tal-attivitàjiet tiegħu”. Il-Bord tat-Tmexxija ddiskuta wkoll l-istrateġija fit-tul tal-ECDC għall-2021–2023, li se tiġi approvata aktar tard din is-sena.

Fl-2019, l-ECDC kompli jipprovdi appoġġ xjentifiku u operazzjonali lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea billi:

- wettaq 24 valutazzjoni tar-riskju rapida u tejjeb il-proċessi u s-sistemi ta’ sorveljanza tiegħu.
- pprovda appoġġ tekniku lill-Kummissjoni Ewropea fl-implementazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa; f’dan il-kuntest, l-ECDC aġġorna wkoll is-“Sistema ta’ Twissija Bikrija u ta’ Reazzjoni”.
- baġhat tim ta’ rispons fil-Mozambique biex jappoġġa l-kontroll tat-tifqigħa tal-kolera; tim lehor mar fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo b’rispons għat-tifqigħa tal-Ebola.

Fi żmien meta d-dinja qed taffaċċja pandemija li qatt ma kellha bħalha, il-Kummissjoni Ewropea u l-ECDC għandhom rwol kruċjali biex jipprovdu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet

b’*data* affidabbli u għażliet ta’ mitigazzjoni Prattikabbli għal rispons Ewropew għall-COVID-19.

L-aħħar 15-il sena wrew il-kapaċità dejjem tikber tal-ECDC li jistabbilixxi standards u metodi armonizzati u bbażati fuq l-evidenza li għandhom jintużaw madwar l-Ewropa. L-isforzi kontinwi taċ-Ċentru fl-epidemjoloġija, is-sorveljanza tal-mard, il-prevenzjoni ta’ mard li jittieħed u l-promozzjoni tat-tilqim ikkontribwew b’mod sinifikanti għas-saħħa pubblika Ewropea. Fi żmien meta d-dinja qed taffaċċja pandemija li qatt ma kellha bħalha, l-ECDC għandu rwol saħansitra aktar kruċjali biex jipprovdi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet b’*data* affidabbli, valutazzjonijiet tar-riskju komprensivi, għażliet ta’ mitigazzjoni u gwida Prattikabbli għall-aħjar rispons Ewropew għall-COVID-19.

Dr Anni-Riitta Virolainen-Julkunen
President tal-Bord tat-Tmexxija tal-ECDC
26 ta’ Frar 2020

Fuq: Il-binja tal-ECDC f’Solna, l-Iżvezja

Isfel: Vytenis Andriukaitis, Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, u d-Direttur tal-ECDC Andrea Ammon jindirizzaw lill-persunal tal-ECDC fil-15 ta’ Marzu 2019



Introduzzjoni mid-Direttur

L-2019 kienet sena ta’ ħafna bidliet, li ħafna minnhom se jsawru l-ħidma tagħna matul is-snin li ġejjin:

- Strateġija ġdida fit-tul (2021–2027) ġiet diskussa mill-Bord tat-Tmexxija
- It-tielet evalwazzjoni esterna taċ-Ċentru għall-perjodu 2013 sal-2017 kienet ġeneralment pożittiva ħafna bil-ħidma tal-ECDC u l-valur miżjud tiegħu għall-Istati Membri.
- Bħala parti mill-inizjattiva tal-ECDC *Il-Ġenerazzjoni li Jmiss*, f’Jannar 2020 ġiet stabbilita l-istruttura organizzazzjonali l-ġdida taċ-Ċentru; din se tiżgura kollaborazzjoni interna effiċjenti.
- Beda x-xogħol fuq żewġ programmi ġodda: *e-Saħħa u Teknoloġiji Diġitali* u *Prospettiva*. L-ewwel settijiet ta’ *data* dwar l-e-saħħa diġà nġabru.

L-ECDC kompli jappoġġa lill-Istati Membri u lill-Istituzzjonijiet Ewropej fil-qasam tal-mard li jittieħed: aħna rrispondejna 34 talba mill-Kummissjoni u mill-Parlament Ewropew, u ppubblikajna aktar minn 200 dokument xjentifiku fuq is-sit web tal-ECDC.

Il-proġetti ewlenin fl-2019 inkludew ir-riingenerija tas-sistemi ta’ sorveljanza tal-ECDC, l-esternalizzazzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni taċ-Ċentru, it-tfassil mill-ġdid tas-Sistema ta’ Twissija Bikrija u ta’ Reazzjoni, u t-tifjib tal-aċċess għas-sekwenzar ġenomiku kollu għall-Istati Membri kollha.

Minn Settembru 2018 sa Frar 2020, l-ECDC ippresjeda n-*Network* tal-Aġenziji tal-UE, li pprovda opportunità eċċellenti biex tinkiseb aktar viżibilità, ikun hemm involviment fi skambji strateġiċi ma’ aġenziji oħra u biex nġinu ħalli l-proċessi tagħna jiġu allinjati, b’benefiċċji tanġibbli għax-xogħol tagħna ta’ kuljum.

Nixtieq nringrazzja lill-persunal kollu tal-ECDC talli għamel xogħol eċċellenti. Ninsab grata wkoll lejn il-ħafna sħab tagħna fl-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea li jappoġġaw b’mod kostanti l-ħidma tagħna.

Dr Andrea Ammon
Direttur tal-ECDC
26 ta’ Frar 2020



ECDC – l-aġenzija tal-Ewropa għas-saħħa pubblika

Stabbilit fl-2005 u bbażat fi Stokkolma, l-Iżvezja, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) huwa parti minn network ta' aġenziji tal-UE li jwettqu kompiti tekniċi u xjentifiċi li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu deċiżjonijiet u jimplementaw il-politiki. L-aġenziji tal-UE huma korpi deċentralizzati u jinsabu kważi fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-ECDC ikopri s-sorveljanza tal-mard ta' kważi 60 marda infettiva, li jvarjaw mill-AIDS/HIV sa mard żoonotiku rari. Aħna nipromwovu wkoll it-tilqim, nidentifikaw imġiba rilevanti għas-saħħa, niżguraw il-kwalità tal-laboratorji madwar l-Ewropa, inħarrġu epidemjologi tas-saħħa pubblika minn madwar l-Ewropa kollha, u ninformaw lill-udjenzi tagħna dwar l-aspetti kollha tal-mard infettiv.

Fl-aħħar tal-2019, l-ECDC kellu 268 membru tal-persunal statutorju involut fis-sorveljanza tal-mard, l-identifikazzjoni tat-tifqigħat, il-pariri xjentifiċi, it-teknoloġija tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, u l-amministrazzjoni.

Approċċ Ewropew għas-sorveljanza tal-mard

L-ECDC jopera u jieħu f'isieb tliet sistemi ewlenin għall-monitoraġġ ta' mard infettiv madwar l-Ewropa. Kull sistema hija mmirata lejn qasam wieħed ta' kontroll tal-mard: EWRS (identifikazzjoni ta' theddid, twissijiet dwar

theddidi), EPIS (informazzjoni dwar l-epidemiji), u TESSy (sorveljanza u statistika tal-mard).

- Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni (EWRS), li għet imfassla kompletament mill-ġdid fl-2018–2019, hija sistema kunfidenzjali li tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jaqsmu informazzjoni dwar avvenimenti marbutin mas-saħħa li jkollhom impatt potenzjali fil-livell tal-UE u jikkordinaw miżuri ta' rispons biex tiġi protetta s-saħħa pubblika.
- Is-Sistema ta' Informazzjoni għal Informazzjoni dwar l-Epidemiji (EPIS) hija pjattaforma ta' komunikazzjoni sigura bbażata fuq il-web li tippermetti lix-xjenzjati u lill-esperti tas-saħħa pubblika jiskambjaw informazzjoni epidemjoloġika.
- Is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy) hija sistema ta' bażi ta' *data* fuq skala kbira għad-*data* dwar il-mard. Il-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE regolament jirrapportaw id-*data* nazzjonali tagħhom dwar il-mard infettiv lil TESSy. Fuq il-bażi ta' din id-*data*, dawkl iżżurru l-Atlas ta' Sorveljanza tal-Mard Infettiv online tal-ECDC jistgħu jiġġeneraw rapporti ta' sorveljanza u mapep interattivi aġġornati.

Barra minn hekk, l-ECDC jappoġġa l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri fil-Kumitat tal-UE għas-Sigurtà tas-Saħħa, li jaħdem bħala grupp konsultattiv dwar is-sigurtà tas-saħħa fil-livell Ewropew.

*Ix-xellug in-naħa ta' fuq: L-Aġenziji tal-UE għandhom rwol essenzjali biex jiżguraw is-sikurezza u l-benesseri taċ-ċittadini. L-ECDC ippresjeda n-Network tal-Aġenziji tal-UE matul l-2019
Il-lemin in-naħa ta' fuq: Grupp ta' ħidma tal-ECDC jiltaqa' f'waħa mill-kmamar ġodda tal-konferenzi
Isfel: Id-diskussjoni madwar mejda ta' kuljum hija ospitata mit-tim għall-informazzjoni dwar l-epidemiji*



Newtrofil uman jinteraġixxi ma' Klebsiella pneumoniae (roża), batterju reżistenti għal ħafna mediċini li jikkawża infezzjonijiet severi fl-isptar

Programmi tal-ECDC għall-Mard: *data* għat-tnejn, il-prevenzjoni u r-rispons

B'*data* mill-Istati Membri kollha tal-UE dwar kważi 60 marda u suġġett dwar is-saħħa, ix-xjenzjati tal-ECDC jistgħu jippreżentaw stampa dettaljata tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali (u storika) fl-Ewropa. Iċ-Ċentru

jissorvelja x-xejriet tal-mard u jissuġġerixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-mard u t-tifqigħat. Il-ħidma tal-ECDC fuq il-mard hija miġbura fi "Programmi għall-Mard".

It-theddida tar-reżistenza għall-antimikrobiċi

Reżistenza għall-Antimikrobiċi u Infezzjonijiet

Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa (il-Programm ARHAI).

Fl-2019, l-ECDC ipproduċa diversi valutazzjonijiet tar-riskju rapidi li ttrattaw tifqigħat ta' Enterobacteriaceae reżistenti għal karbapenemi – grupp tal-aħħar linja ta' antimikrobiċi li huma theddida transfruntiera dokumentata (jew tal-anqas potenzjali) għas-saħħa. Għal bosta minn dawn it-tifqigħat, l-analiżi tas-sekwenzar ġenomiku sħiħ (WGS) tal-iżolati kienet kruċjali biex tiġi stabbilita rabta ġenomika bejn il-każijiet.

Fl-2019, l-ECDC nieda n-*Network Ewropew* ta' Sorveljanza tal-Ġeni ta' Reżistenza għall-Antimikrobiċi, jew il-EURGen-Net fil-qosor, network għas-sorveljanza bbażata fuq il-WGS ta' batterji reżistenti għal ħafna mediċini ta' importanza għas-saħħa pubblika. In-*Network* jikkonsisti mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali (jew l-ekwivalenti tagħhom) ta' 37 pajjiż Ewropew (l-Istati Membri kollha tal-UE, l-Iżlanda, in-Norveġja, kif ukoll il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo*, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija u r-Renju Unit). L-oġġettivi huma li tiġi ddeterminata d-distribuzzjoni ġeografika u d-dinamika tal-popolazzjoni ta' kloni batteriċi reżistenti għal ħafna mediċini u

elementi ta' reżistenza li jistgħu jiġu trażmessi biex jiġu infurmati l-valutazzjoni tar-riskju, il-prevenzjoni u l-politiki ta' kontroll, u jiġu appoġġati l-pajjiżi fit-tsih tal-kapaċitajiet tekniċi tagħhom biex iwettqu sorveljanza bbażata fuq il-WGS ta' batterji reżistenti għal ħafna mediċini b'potenzjal epidemiku.

L-ECDC appoġġa konferenza tal-AMR f'Bucharest fl-1 ta' Marzu 2019 matul il-Presidenza Rumena tal-UE. L-ECDC wettaq eżerċizzju ta' simulazzjoni biex jesplora r-rispons koordinat tal-Istati Membri u l-UE għall-emerġenza ta' razza ġdida ta' batterju li diffiċli jiġi ttrattat, reżistenti b'mod estensiv għall-mediċini f'ambjent ta' kura tas-saħħa. L-ECDC ippubblika wkoll, flimkien mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiki (OECD), nota ta' informazzjoni dwar ir-"Reżistenza għall-Antimikrobiċi – nindirizzaw il-piż fl-Unjoni Ewropea". Fit-18 ta' Novembru, flimkien mal-Ġimgħa Dinjija tad-WHO għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi (18–24 ta' Novembru 2019), l-ECDC organizza t-12-il Jum Ewropew għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi, filwaqt li reġa' enfasizza l-importanza ta' użu prudenti tal-antibijotiċi.

** Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.*



Fuq nett tal-aġenda fl-2019: Ebola, Zika u Lyme

Mard Emerġenti u li Jinġarr Minn Vettur

(il-Programm għall-EVD). L-ECDC issorvelja mill-qrib l-għaxar tifqigħa tal-marda tal-virus tal-Ebola fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). It-tifqigħa tal-2018 kienet l-akbar tifqigħa tal-Ebola fl-istorja tal-pajjiż u t-tieni l-akbar waħda li qatt għet irreġistrata madwar id-dinja. Meta t-tifqigħa żdiedet b'mod sinifikanti, l-ECDC ħareġ – matul bosta ġimgħat – ħames aġġornamenti tal-valutazzjoni tar-riskju rapida tiegħu. Billi beda f'Ottubru, l-ECDC baġat diversi esperti fir-RDK biex jappoġġaw id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej

L-ECDC issorvelja l-ewwel trażmissjoni awtoktona tal-virus Zika identifikata fl-Ewropa, li seħħet fi Franza f'Awwissu 2019, u wettaq valutazzjoni tar-riskju rapida. Fortunatament, l-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet Franċiżi wrew li l-virus ma kienx infirex aktar. L-ECDC ipproduċa wkoll valutazzjonijiet tar-riskju rapidi dwar tifqigħa tad-deni tal-Wied tar-Rift fil-Mayotte (territorju Franċiż extra-Ewropew) u dwar każijiet awtoktoni tad-deni dengue fi Spanja u fi Franza.

Iċ-Ċentru analizza d-*data* ta' sorveljanza tal-2018 dwar il-Lyme neuroborreliosis. Grupp estern ta' esperti vvaluta r-rekwiżiti biex tiġi implimentata riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2018 dwar

il-marda ta' Lyme u pprova input dwar kif jiġu appoġġati s-sorveljanza u r-rappurtar dwar il-marda ta' Lyme fl-Istati Membri. Fi proġett relatat tal-ECDC dwar is-sorveljanza u r-rappurtar tal-marda ta' Lyme fl-Istati Membri, iċ-Ċentru juża s-sħarriġ u konsultazzjonijiet individwali fl-Istati Membri li jitwettqu minn konsulenti esterni. Il-konsulenti se jidentifikaw liema miżuri se jkollhom jittieħdu biex tiġi implimentata r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u jipprovdu *data* xjentifika aġġornata lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri. Ir-rapporti dwar il-prestazzjoni għal dan il-proġett huma mistennija sal-aħħar tal-2020.

L-ECDC jippubblika regolarment mapep Ewropej tad-distribuzzjoni tal-vettur għan-nemus, għall-qurdien u għas-sandflies fuq is-sit web tiegħu. Iċ-Ċentru kompli wkoll jissorvelja t-tixrid tal-virus tal-Punent tan-Nil u r-rifina għodda ta' mmudellar biex jgħin lill-pajjiżi jibassru l-attività tal-virus tal-Punent tan-Nil u jqabbli strateġiji differenti għall-kontroll tal-vettur.

L-ECDC wettaq valutazzjonijiet esterni tal-kwalità għal orthopoxviruses permezz tal-EVD-LabNet, network tal-laboratorji, biex jivvaluta l-ħila tal-laboratorji li jsibu u jidentifikaw b'mod korrett dawk il-viruses.

F'Ottubru, iċ-Ċentru organizza l-laqqgħa annwali tiegħu tan-network mal-punti ċentrali nazzjonali għall-mard emerġenti u li jinġarr minn vettur.

Ix-xellug in-naħa ta' fuq: L-ECDC jissorvelja l-popolazzjonijiet Ewropej tan-nemus

Isfel: Aġruplan sponsorjat mid-DĠ ECHO, id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej



Fuq: Faċilità għall-
ipproċessar tal-ikel
Isfel: L-analiżi tal-misteri
batterjoloġiċi tal-
prodotti tat-tjur. It-tikek
iż-żgħir suwed huma
kolonji tas-Salmonella

It-tifqigħat mill-ikel jeħtieġu rispons Ewropew

Mard u Żoonożi li Jinġarru fl-Ikel u mill-Ilma (il-Programm għall-FWD). Fl-2019, l-ECDC u l-EFSA ppubblikaw żewġ rapporti ewlenin flimkien: *ir-rapport dwar iż-żoonożi għall-2018 ta' Saħħa Waħda tal-UE* u *r-Rapport annwali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi fil-batterji żoonotiċi u indikaturi mill-bnedmin, l-annimali u l-ikel*. Analiżi tad-data miġbura wriet għadd stabbli ta' każijiet umani kkonfermati ta' kampilobatterjożi u salmonellożi fl-UE bejn l-2014 u l-2018.

Infezzjonijiet minn *Escherichia coli* li tipproduċi t-tossina Shiga (STEC) fil-bnedmin kienu t-tielet żoonożi li għet irrappurtata l-aktar fl-UE; il-każijiet ta' STEC kienu qed jiżdiedu wkoll mill-2014 sal-2018. Skont ir-rapport dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (data tal-2017), il-batterji *Campylobacter* juru livell tant għoli ta' reżistenza għall-fluworokinoloni (bħaċ-ċiprofloksaċina) f'xi pajjiżi li dawn l-antimikrobiċi m'għadhomx aktar effettivi fit-trattament ta' kampilobatterjożi severa.

Inkjesti urġenti (UI) huma talbiet immedija minn pajjiżi parteċipanti jew mill-ECDC biex tiġi vvalutata d-dimensjoni ta' diversi pajjiżi tal-avvenimenti li jseħħu fuq livell nazzjonali. Dawn jiġu mmedija u kkoordinati permezz tal-pjattaforma EPIS-FWD.

Fl-2019, inbdew 88 inkjesta urġenti minn 23 pajjiż parteċipant, b'UI waħda li għet immedija mill-ECDC. L-UIs kienu relatati ma' salmonellożi (39 inkjesta), listerjożi (20), infezzjoni minn *Escherichia coli* li tipproduċi l-veroċitotossina (VTEC) (11), u epatite A (8). Bħala medja, UI waħda tirċievi tweġibiet minn ħdax-il pajjiż; 31 pajjiż wieġbu għal mill-inqas UI waħda.

Il-kooperazzjoni mal-EFSA ssaħħet bl-introduzzjoni ta' telekonferenzi ta' kull ġimgħa biex tiġi ssorveljata l-evoluzzjoni ta' avvenimenti ta' oriġini alimentari li seħħew f'diversi pajjiżi u biex tiġi ppjanata l-produzzjoni ta' valutazzjonijiet tar-riskju tas-saħħa pubblika. L-ECDC u l-EFSA jippubblikaw b'mod konġunt valutazzjonijiet tat-tifqigħat rapidi. Fl-2019, l-ECDC ippubblika tliet valutazzjonijiet tat-tifqigħat rapidi konġunti mal-EFSA: tnejn dwar it-tifqigħat ta' listerjożi f'diversi pajjiżi u waħda dwar is-*Salmonella* Agona marbuta mal-formula tat-trabi. It-tifqigħat tal-listerjożi kienu marbuta ma' prodotti kesħin ta' ħut affumikat u prodotti tal-laħam imqattgħin lesti biex jittiekl. Tiġi żgurata komunikazzjoni aktar f'waqtha lill-manigġers tar-riskju permezz ta' sommarji ta' notifika konġunti bejn l-ECDC u l-EFSA, li jkunu disponibbli għall-punti ta' kuntatt rilevanti kollha.

Juckt's im Schritt?

Lass dich auf sexuell
übertragbare
Infektionen testen.

 **liebesleben.de**

Eine Aktion der Bundeszentrale für
gesundheitliche Aufklärung (BZgA) mit
Unterstützung des Fachverbandes
Ausserwerbung e. V., gefördert durch
die Bundesrepublik Deutschland.



Bundeszentrale
für
gesundheitliche
Aufklärung



FACHVERBAND
AUSSERWERBUNG E.V.

Billbord f'Leer, il-Ġermanja: "Għandek ħakk fil-parti bejn is-saqajn? Agħmel test tal-infezzjonijiet trażmessi sesswalment. Din hija l-ħajja sesswali tiegħek. Ipproteġiha.



Tlaqqam!

Influenza u Viruses Respiratorji oħrajn (il-Programm għall-IRV). L-influenza staġjonali toħloq piż imdaqqas fuq is-servizzi tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa kull xitwa, li twassal għal għexieren ta' eluf ta' mwiet fost l-anzjani. L-influenza żoonotika u viruses respiratorji emerġenti oħra jheddu wkoll is-saħħa pubblika b'modi ġodda u mhux mistennija. Hija meħtieġa sorveljanza viroloġika u epidemjoloġika b'saħħitha biex tiggwida l-programmi ta' tilqim għall-influenza staġjonali.

Eżempji ta' viruses tal-influenza żoonotika li huma ta' tħassib jinkludu l-influenza tat-tjur A(H5N1) (mis-snin 90), l-influenza tat-tjur H5N8, H7N9, H7N7 u H10N8, u l-influenza tal-ħnieżer A(H1N1). Eżempju ta' virus respiratorju emerġenti ta' tħassib li mhuwiex l-influenza huwa l-coronavirus tas-sindromu respiratorju tal-Lvant Nofsani (MERS-CoV).

F'Marzu, l-ECDC organizza tliet workshops ta' thejjiġa għall-pandemija dwar l-influenza mal-pajjiżi kollha tal-UE/taż-ŻEE biex jirrevedi l-gwida ta' thejjiġa tagħhom u jiskambja esperjenzi dwar l-ippjanar tat-thejjiġa.

L-ECDC u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa komplew is-sorveljanza konġunta tagħhom tal-influenza: matul l-istaġun tal-influenza, jiġi ppubblikat bullethin ta' kull ġimgħa dwar l-influenza għall-Ewropa fuq www.flunewseurope.org. Oqsma oħra ta' ħidma konġunta kienu jinkludu stima tal-piż tal-marda għall-influenza, valutazzjoni tas-severità tal-influenza pandemika, u kontribut għall-proċess globali ta' għażla ta' razez għall-vaċċini tal-influenza. F'Diċembru, l-ECDC u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa wettqu l-ewwel valutazzjoni tas-sitwazzjoni reġjonali konġunta tal-influenza staġjonali

għat-53 pajjiż kollha fir-Reġjun Ewropew. L-għan kien li tingħata valutazzjoni bikrija biex tgħin lill-Istati Membri jħejju s-sistemi tas-saħħa tagħhom għall-istaġun li jmiss tal-influenza. L-ECDC kompli wkoll il-finanzjament tiegħu tan-network estern l-MOVE, li jipprovdi stimi tal-effikaċja tal-vaċċin tal-influenza staġjonali u jipproduċi *data* siewja għall-kompożizzjoni tal-vaċċin tal-influenza staġjonali li jmiss.

L-ECDC jissorvelja l-viruses tal-influenza żoonotika u viruses respiratorji emerġenti oħrajn f'ħin reali permezz tal-funzjoni tiegħu tal-informazzjoni dwar l-epidemiji. Bħal fis-snin ta' qabel, l-ECDC u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ippubblikaw rapporti ta' valutazzjoni trimestrali dwar is-sitwazzjoni tal-influenza tat-tjur.

L-ECDC kompli jikkoordina n-Network Ewropew għas-Sorveljanza tal-Influenza (EISN) u n-Network Ewropew tal-Laboratorji ta' Referenza għall-Influenza Umana (ERLI-Net). L-ECDC ħejja l-valutazzjoni tal-kwalità esterna biennwali għall-ittestjar tal-viruses tal-influenza fil-laboratorju; din se titlesta fl-2020.

Fl-2019, iċ-Ċentru ppilota korsijiet ta' e-tagħlim għall-bijoanalitika tal-influenza. Il-korsijiet juru kif tintuża u tiġi analizzata d-*data* dwar is-sekwenzar.

Aktar kmieni f'Ġunju, l-ECDC organizza laqgħa tal-punti ċentrali nazzjonali għall-komunikazzjoni fil-Lussemburgu, bil-parteċipazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa. Matul il-laqgħa, l-Istati Membri pprovdew feedback dwar il-portal tat-tilqim.

Il-persunal tal-ECDC se joqgħod attent matul l-istaġun tal-influenza. Huma se jieħdu #Tilqima tal-Influenza għax il-#Vaċċinijaħdmu. M'hemmx għalfejn ngħidu: kulħadd huwa #kburihafnabil-vaċċini.



It-TB, il-prevalenza tagħha u l-prevenzjoni tagħha

It-tuberkulożi (il-Programm TB). L-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE, il-pajjiżi ta' qabel l-ađeżjoni mal-UE, u l-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat għandhom profili epidemjoloġiċi differenti fir-rigward tat-tuberkulożi (TB): ħames pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tax-Xlokk huma kkaratterizzati minn piż medju ta' TB (reżistenti għall-mediċini), filwaqt li l-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent huma fil-biċċa l-kbira pajjiżi b'piż baxx, bil-possibbiltà li jipprograssaw lejn l-eliminazzjoni tat-TB. F'ambjenti b'piż baxx, il-persuni f'riskju għat-TB spiss ikunu f'popolazzjonijiet vulnerabbli li diffiċli biex jintlaħqu. It-TB fil-migranti tikkontribwixxi wkoll għall-epidemjoloġija. Fil-pajjiżi b'piż medju, it-TB spiss tkun aktar preżenti fil-popolazzjoni ġenerali.

Ġie ffinalizzat proġett ta' tliet snin dwar l-istudji tal-inventarju tat-TB. L-għan tal-proġett kien li tiġi vvalutata l-kompletezza tan-notifiki tat-TB f'sitt Stati Membri (il-Kroazja, id-Danimarka, il-Finlandja, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovenja). Il-proġett wera li l-kompletezza f'dawn il-pajjiżi tvarja bejn 74 % u 100 %, li tagħmel il-kombinazzjoni tad-*data* minn sorsi differenti (eż. sistemi ta' sorveljanza, sptarijiet, laboratorji u bażijiet tad-*data* tal-assigurazzjoni) approċċ vijabbli biex tinkiseb stampa aktar preċiża tal-piż reali tat-TB f'dawn il-pajjiżi.

Fil-Jum Dinji għat-TB (l-24 ta' Marzu), l-ECDC u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa ppreżentaw ir-rapport konġunt *Rapport annwali dwar is-sorveljanza u l-monitoraġġ tat-tuberkulożi fl-Ewropa (data tal-2017)*. Ir-rapport wera li t-tnaqqis fin-notifiki tat-TB għadu għaddej iżda għadu f'livell li mhuwix biżżejjed biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Wara proġett ta' tliet snin li rnexxa u li ffoka fuq il-ħames pajjiżi ta' prijarità għolja għat-TB fl-Ewropa, saru sforzi biex jiġi estiż appoġġ simili għall-Istati Membri kollha. Il-proġett se jikkonsisti f'workshops konġunti, attivitajiet ta' taħriġ, żjarat ta' skambju, u appoġġ ta' konsulenza lil pajjiżi individwali. L-ewwel attività diġà hija skedata: se jsir workshop dwar l-iskrinjar tal-migranti għat-tuberkulożi f'Ateni, il-Greċja, fi Frar 2020, bi 11-il pajjiż parteċipant (l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja, u Spanja).

F'Mejju saret laqgħa konġunta ta' sorveljanza mad-WHO f'The Hague. Is-suġġetti kienu jinkludu t-titjib tas-sorveljanza, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-TB. Din il-laqgħa kienet segwita mil-laqgħa tal-Workshop ta' Wolfheze, organizzata b'mod konġunt mid-WHO, il-Fondazzjoni Netherlandiża KNCV tat-Tuberkulożi u l-ECDC. Il-laqgħa ffukat fuq "It-tisrif tal-impenji tal-laqgħa ta' livell għoli tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tuberkulożi f'azzjonijiet."

F'Ġunju saret żjara konġunta bejn il-pajjiżi mad-WHO fin-Netherlands biex tagħti pariri dwar il-firxa u l-prijoritizzazzjoni tal-iskrinjar għall-infezzjoni tat-tuberkulożi moħbija fil-migranti. Matul iż-żjara, l-esperti setgħu wkoll jipprovdu pariri dwar kif jistgħu jżommu l-għarfien u l-għarfien espert dwar it-tuberkulożi: kif jistgħu l-professjonisti tas-saħħa jżommu l-ħiliet tagħhom meta jaraw biss għadd żgħir ħafna ta' każijiet f'pajjiżhom?

Xellug: Effettiv kontra ħafna mard li jittieħed: iftaħ it-tieqa u esponi għall-arja!



presents:

The dangerous doctor who didn't want to go home

"I was contagious, but refused to go home."

This photo comic is part of a series that deals with low vaccination rates in healthcare workers.

As a healthcare worker you should keep in mind that about 80 per cent of seasonal flu deaths occur in people 65 years and older. Over half of all seasonal flu hospitalisations are in that age group.

As a healthcare worker, there's a lot you can do against the flu:
Get vaccinated each year, wash your hands, and stay home when sick.



L-ECDC uża l-kont tiegħu ta' Twitter @ECDC_Flu biex jipprova wiidja, infografika u komiks bir-ritratti mmirati lejn il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa. Il-fajls tas-sors għall-komiks bir-ritratti huma f'format li jista' jiġi mmodifikat u jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-ECDC.

Il-vaċċini jaħdmu

Mard Prevenibbli b'Vaċċin (il-Programm għall-VPD).

L-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali effettivi ta' tilqim madwar l-Ewropa hija storja ta' suċċess fis-saħħa pubblika. Biex tiġi salvagwardjata s-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, jeħtieġ li l-programmi ta' tilqim jittkomplew u jiġu estiżi. L-ECDC jappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' sfidi madwar l-UE fir-rigward tal-mard prevenibbli b'vaċċin u t-tilqim.

L-ECDC stabbilixxa network ta' kollaborazzjoni biex jappoġġa l-gruppi nazzjonali ta' konsulenza teknika għall-immunizzazzjoni (NITAGs) fl-Istati Membri. In-NITAGs huma kunitati indipendenti li jivvalutaw l-evidenza xjentifika dwar il-vaċċini u l-immunizzazzjoni u jipprovdu rakkomandazzjonijiet lill-bordijiet nazzjonali tat-tilqim. L-għan huwa li jissaħħu u jittejbu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-valutazzjoni tal-evidenza xjentifika madwar l-Ewropa. In-network, stabbilit fl-2018, organizza l-ewwel laqgħa tiegħu fl-2019 biex jaqbel dwar it-termini ta' referenza tiegħu; saru ukoll serje ta' webinars. Grupp ta' ħidma diġà ħares lejn l-evidenza xjentifika għall-istrateġiji tal-vaċċini u t-tilqim, billi l-ewwel tiffoka fuq il-vaċċini tal-influenza flimkien mat-tfal u l-anzjani.

L-Ċentru beda jiġbor evidenza biex jappoġġa linji gwida għal skeda ċentrali ta' tilqim tal-UE, filwaqt li qies ir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO għal immunizzazzjoni ta' rutina. Għan wieħed huwa li tittejjeb il-kompatibbiltà tal-iskedi nazzjonali u li tiġi promossa l-ekwi-tà fil-protezzjoni tas-saħħa għaċ-ċittadini kollha. Se tiġi ffinalizzata proposta fl-2020.

F'Diċembru, l-Istati Membri ngħataw verżjoni beta tal-portal Ewropew ġdid ta' informazzjoni dwar it-tilqim tal-ECDC għal konsultazzjoni u ttestjar. It-tnedija

pubblika uffiċjali hija skedata għal April 2020. Il-portal dwar il-vaċċini jipprovdi informazzjoni oġġettiva, trasparenti u aġġornata dwar il-vaċċini, il-benefiċċji tat-tilqim, is-sikurezza tat-tilqim, u l-proċess tal-farmakoviġilanza.

L-ECDC beda wkoll proġett dwar it-titjib tal-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* dwar il-kopertura Ewropea tat-tilqim.

Barra minn hekk, l-ECDC għen lid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari biex jorganizza s-summit globali dwar it-tilqim, li sar fit-12 ta' Settembru 2019 fi Brussell taħt l-awspiċi tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker, u d-Direttur Ġenerali tad-WHO Tedros Adhanom Ghebreyesus. L-ECDC kien parti mill-kumitat tal-programm tas-summit, u d-Direttur tal-ECDC Dr Andrea Ammon ħadet sehem f'panel ta' diskussjoni dwar l-eżitazzjoni għat-tilqim.

L-ECDC kompli bil-kollaborazzjoni tiegħu mal-Azzjoni Konġunta dwar it-Tilqim, ikkofinanzjata mix-CHAFEA (l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel) u 17-il Stat Membru tal-UE. L-għan primarju tal-Azzjoni Konġunta huwa li tiżdied il-kopertura tat-tilqim fl-UE billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi għall-kollaborazzjoni mal-UE kollha.

B'aktar minn 34 000 utent fl-2019 (26 500 fl-2018) u aktar minn 180 000 li żaru l-paġna (160 000 fl-2018), l-lskedatur tal-Vaċċini tal-EU kien wieħed mill-aktar karatteristiċi popolari fuq il-portal tal-web tal-ECDC fl-2019.



Is-sorveljanza tal-mard taffettwa lid-dinja kollha: viżitaturi miċ-Ċentri Afrikani għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard jiddiskutu kwistjonijiet ta' saħħa pubblika fiċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza tal-ECDC

Aktar *data*, aktar malajr, u għal aktar mard

Is-sorveljanza tal-mard

Għall-ewwel darba fl-eżistenza tiegħu, l-ECDC irnexxielu jippubblika 75 % tad-*data* ta' sorveljanza miġbura dwar mard u patoġeni rapportabbli tal-UE fi żmien tliet xhur mill-għeluq tal-ġbir tad-*data*. Id-*data* tiġi ppubblikata u viżwalizzata fuq l-*Atlas ta' Sorveljanza tal-Mard Infettiv* online. Dan jiżgura li d-*data* ta' sorveljanza tal-ECDC issir disponibbli b'mod ħafna aktar mgħaġġel sabiex l-esperti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri jkunu jistgħu jużawha qabel. Inċidentalment, il-pubblikazzjoni ta' 75 % tad-*data* kollha fi żmien tliet xhur tissodisfa wkoll wieħed mill-indikaturi tal-prestazzjoni interni tal-ECDC.

L-*Atlas ta' Sorveljanza* jkopri 58 marda u problema tas-saħħa kif ukoll indikaturi tal-kwalità tad-*data*. Fl-2019, aċċessawh aktar minn 25 000 utent bi kważi 90 000 li żaru l-paġna. Skont il-marda, is-settijiet tad-*data* jkun disponibbli f'format ta' kull ġimgħa, kull xahar jew kull sena.

Informazzjoni dwar l-epidemiji

Fl-2019, l-ECDC sab 306 avvenimenti (2018: 377) li ssodisfaw il-kriterji ta' theddida għas-saħħa pubblika kif definiti fil-kriterji tas-Sistema ta' Twissija Bikrija

u ta' Reazzjoni tal-UE. Tmienja u ħamsin mit-theddid li nstab wasslu għall-monitoraġġ ta' theddida ġdida (2018: 71). Mill-avvenimenti kollha, 192 (62 %) oriġinaw fl-UE (2018: 62 %). Ġew mibgħuta wieħed u tmenin messaġġ tal-EWRS u 153 kumment (2018: 104 messaġġi tal-EWRS, 139 kumment). Seba' messaġġi tal-EWRS ġew ikklassifikati bħala “notifiki ta' twissija”, u 74 bħala “informazzjoni oħra”; 11 irriżultaw fil-bidu ta' valutazzjoni ta' theddida ġdida fl-Għodda tat-Traċċar tat-Theddid (TTT).

Tħejjija

Il-bini tal-kapaċitajiet u l-ippjanar kontinwu u t-tħejjija tar-rispons, inkluża l-identifikazzjoni tal-lakuni attwali fil-kapaċità tat-tħejjija, huma elementi kritiċi fir-rispons Ewropew għal epidemiji kbar u theddid serju ieħor għas-saħħa transfruntier. Theddid internazzjonali riċenti wera l-importanza ta' evidenza xjentifika affidabbli għall-aspetti kollha ta' tħejjija.

Fil-qasam tat-tħejjija komunitarja, l-ECDC lesta proġett ta' tliet snin immirat biex jesplora kif il-komunitajiet, pereżempju l-komunitajiet lokali jew l-assoċjazzjonijiet taċ-ċittadini, jinteraġixxu ma' istituzzjonijiet responsabbli għat-tħejjija u r-rispons matul emerġenzi tas-saħħa pubblika.

L-ECDC ipprova appoġġ tekniku lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1082/2013/UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa. L-ECDC kien parti minn task force li rrevediet l-istħarriġ li jsir kull tliet snin dwar it-tħejjija nazzjonali. F'Marzu, il-pajjiżi kollha pparteċipaw f'workshops dwar it-tħejjija għall-pandemija



Fuq: Preżentazzjoni dwar l-għodda ta' awtovalutazzjoni tal-HEPSA għat-tħejjija tal-emerġenzi tas-saħħa
Isfel: F'Ottubru, l-ECDC ospita l-34 Laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICT tal-Aġenziji tal-UE



tal-influenza biex jiddiskutu aġġornamenti fil-pjani nazzjonali ta' thejjiya għall-pandemija.

F'Ottubru, l-ECDC organizza eżerċizzju ta' simulazzjoni fil-Greċja. L-xenarju kien ibbażat fuq ir-rilaxx intenzjonat tal-patoġeni. Sebgħa u għoxrin pajiż ipparteċipaw biex jivvalutaw is-sensibilizzazzjoni tagħhom tal-bijo-riskju u jevalwaw it-thejjiya tagħhom għall-bijosikurezza u l-avvenimenti bijoterroristiċi.

lċ-Ċentru ffinalizza reviżjoni tal-letteratura dwar kif tintuża evidenza esperta fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet matul ir-rispons għall-emerġenzi. Is-sejbiet ġew diskussi f'laqgħa ta' esperti, u l-pjanijiet għal aktar xogħol fuq il-post fl-2020 ġew iffinalizzati.

F'Mejju, l-ECDC organizza l-laqgħa annwali tiegħu mal-punti fokali għat-thejjiya u r-rispons. F'Settembru, fis-Slovenja sar workshop ta' taħriġ dwar il-komunikazzjoni tar-riskju u l-koordinazzjoni waqt kriżi. F'Diċembru, ġiet organizzata laqgħa ta' esperti dwar indikaturi għat-thejjiya tas-saħħa pubblika.

Rispons

Il-valutazzjonijiet tar-riskju rapidi jappoġġaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea fl-isforzi ta' thejjiya tagħhom billi jipprovdu sommarju tat-theddida, joffru valutazzjoni tar-riskju ppreżentat mit-theddida, u jaġħtu sommarju tal-informazzjoni pertinenti dwar il-miżuri ta' rispons u mitigazzjoni disponibbli.

Fl-2019, iċ-Ċentru pproduċa 24 valutazzjoni tar-riskju rapida, li tlieta minnhom kienu valutazzjonijiet tat-tifqigħat rapidi li ġew prodotti mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. It-theddid kien jinkludi Enterobacteriaceae reżistenti għal karbapenem, l-Ebola fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, id-deni dengue, il-listerjożi, u l-marda tal-virus Zika.

L-ECDC ippubblika wkoll 10 aġġornamenti epidemjoloġiċi li pprovde informazzjoni aġġornata dwar tifqigħat li qed jevolvu jew theddid għas-saħħa pubblika. L-aġġornamenti epidemjoloġiċi tipikament jinkludu l-għadd ta' każijiet, id-distribuzzjoni temporali u ġeografika, id-distribuzzjoni tal-età u s-sess, informazzjoni dwar fatturi ta' riskju

identifikati jew potenzjali, u valutazzjoni tar-riskju. Fl-2019, l-aġġornamenti epidemjoloġiċi indirizzaw it-tifqigħa tal-Ebola fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-marda tal-virus Zika u d-deni tal-Punent tan-Nil.

L-ECDC iffinalizza l-metodoloġija tiegħu (inkluż sett ta' mudelli mfassla mill-ġdid) għal valutazzjonijiet tar-riskju rapidi. Il-metodoloġija l-ġdida tissimplifika l-proċess, tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-esperti esterni, u tiżgura l-involvement tal-Istati Membri. L-Istati Membri issa jistgħu jikkontribwixxu għall-valutazzjonijiet tar-riskju rapidi fi stadju bikri permezz tar-Repożitorju għall-Pariri Xjentifiċi u s-Sistema ta' Ġestjoni (SARMS) taċ-Ċentru.

Pariri xjentifiċi

Il-produttjoni ta' pariri xjentifiċi indipendenti bbażati fuq l-evidenza li hija metodoloġikament soda, utli, u f'waqtha hija waħda mill-kompiti ewlenin tal-ECDC.

Fl-2019, l-ECDC kompli jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija xjentifika tiegħu. L-ECDC ippubblika 219-il prodott xjentifiku, inkluż 58 rapport tekniku/dokument ta' gwida (ippubblikati taħt it-timbru tiegħu stess) u 89 artiklu rieżaminat bejn il-pari (f'ġurnali xjentifiċi).

Bħala aġenzija ffinanzjata mill-fondi pubbliċi, l-ECDC jiżgura li l-biċċa l-kbira tal-produttjoni xjentifika tiegħu tkun disponibbli bla ħlas, kemm fuq is-sit web tiegħu kif ukoll fuq is-siti web tal-ġurnali xjentifiċi. Fl-2019, 82 % tal-pubblikazzjonijiet tal-ECDC f'ġurnali rieżaminati bejn il-pari kienu f'aċċess miftuħ.

L-għodda aġġornata IRIS 2.0 tal-ECDC għall-prijoritizzazzjoni tar-riżultati xjentifiċi ġiet applikata b'suċċess biex tivvaluta l-istrateġija tal-ECDC għall-2021–2027. L-IRIS tagħti parir dwar id-direzzjoni strateġika tal-attivitajiet taċ-Ċentru u tissuġġerixxi attivitajiet li jistgħu jikbru jew jikien fid-daqs tagħhom.

L-ECDC ippubblika wkoll gwida metodoloġika dwar il-ġestjoni tal-eteroġeneità meta tinġabar *data* minn sistemi differenti ta' sorveljanza.





Il-mikrobijoloġija

Fl-2019, l-ECDC wettaq valutazzjoni tal-kapaċitajiet tal-laboratorji tal-mikrobijoloġija għas-sorveljanza nazzjonali u madwar l-UE tal-mard li jittieħed, ibbażata fuq l-aħħar *data* disponibbli (2018). Is-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Kapaċità tal-Laboratorji tal-UE, imsejħa EULabCap fil-qosor, hija bbażata fuq sett ta' 60 indikatur li ntlaħaq qbil dwarhom. Ipparteċipaw il-pajjiżi kollha tal-UE/taż-ŻEE. L-indiċi tal-EULabCap, li jesprimi l-kapaċità tal-laboratorji tal-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri, qed ikompli jitjieb. Il-punteġġ medju tal-UE laħaq is-7.8/10 fl-2018 (livell ta' kapaċità mhux ħażin sa għoli) u wera tnaqqis gradwali ta' madwar terz tad-distakk fil-kapaċità bejn il-pajjiżi meta mqabbel mal-2013. It-30 pajjiż kollha laħqu livelli ta' kapaċità intermedji jew għoljin fl-2018, u aktar minn żewġ terzi tal-pajjiżi għandhom kapaċitajiet tal-laboratorju suffiċjenti għal tħejjija tas-saħħa pubblika robusta. B'mod ġenerali, il-kapaċità tal-laboratorji tal-UE żdiedet b'medja ta' 15 % matul l-aħħar ħames snin. Instab li kien hemm prestazzjoni subottimali għas-sorveljanza tar-reżistenza għall-antimikrobiċi fil-viruses tal-influenza u batterji patoġeniċi li jinġarru fl-ikel.

L-ECDC wettaq sħarriġ fost il-punti fokali tiegħu għall-mikrobijoloġija u s-sorveljanza dwar *data* awtomizzata tal-laboratorju li tirrapporta lill-bażijiet tad-*data* nazzjonali ta' sorveljanza. Tlettax-il Stat Membru diġà jużaw sistema awtomatizzata parzjalment jew kompletament għar-rappurtar tal-mard. Dawn is-sejbiet se jservu bħala punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' sistema ta' sorveljanza diġitali tal-UE għall-mard li jittieħed.

L-ECDC appoġġa lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tar-regolament Ewropew dwar l-apparat dijanjostiku in vitro u assista lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel fit-tħejjija ta' sejħiet biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-laboratorji ta' referenza tal-UE rigward ir-reżistenza għall-antibijotiċi.

Il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-laboratorji fl-UE juru differenzi konsiderevoli. Il-valutazzjonijiet esterni tal-kwalità tal-ECDC jipprovdu feedback konċiż u għajnuna għat-titjib tal-kwalità tal-prestazzjoni tal-laboratorju



L-ECDC u l-komunità tas-saħħa pubblika tal-Ewropa

Taħriġ fis-saħħa pubblika

Il-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC

iħejji lill-epidemjologi (EPIET) u l-mikrobijologi (EUPHEM) f'dan il-qasam biex jintervjenu f'tifqigħat transfruntiera u f'theddid ieħor għas-saħħa pubblika. Fl-2019, 37 student iggradwaw mill-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC u mill-programmi assoċjati mal-EPIET (koorti tal-2017). Fl-aħħar tas-sena, ġew irreġistrati 78 student (41 mill-koorti tal-2018 u 37 mill-koorti tal-2016). Il-Programm, li jopera f'istituti u laboratorji tas-saħħa pubblika li jinsabu f'pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE, għandu kors introduttorju, moduli ta' taħriġ, u investigazzjonijiet fuq il-post fl-UE/fiż-ŻEE u 'l barra minnha. Il-koordinaturi xjentifiċi u s-superviżuri jwettqu żjarat fuq il-post biex jiżguraw il-kapaċità suffiċjenti tas-siti tat-taħriġ.

Evalwazzjoni esterna tal-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC tlestiet fl-2019 u kkonkludiet li l-għanijiet u l-oġġettivi tal-Programm huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati tiegħu fil-livell nazzjonali u tal-UE. Il-kontribut tiegħu għal network ta' professjonisti tas-saħħa pubblika li jistgħu jirrispondu b'mod effettiv għat-theddid transfruntier b'mod armonizzat tqies bħala partikolarment siewi. L-evalwazzjoni sabet ukoll li l-Programm ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-kapaċità

dejjem tikber tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri. It-trajettorja tal-Istati Membri, li hija parzjalment ssussidjata mill-Istati Membri, kienet meqjusa bħala żieda rilevanti għat-trajettorja ewlenija tal-UE u mod tajjeb kif jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-kapaċità bejn l-Istati Membri.

Relazzjonijiet internazzjonali u appoġġ tal-pajjiżi.

L-ECDC iżomm network professjonali estensiv.

Fl-2019, l-ECDC organizza l-ewwel laqgħa tal-punti fokali tiegħu fiċ-ċentri internazzjonali għall-kontroll tal-mard (CDC) għall-Afrika, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Karibew, l-Iżrael, it-Tajlandja u l-Istati Uniti tal-Amerika. Il-partekipanti tal-laqgħa stabbilixxew network ta' CDCs internazzjonali u qablu dwar laqgħat annwali u vidjokonferenzi trimestrali.

L-ECDC lesta proġett ta' sentejn (2017–2019) immirat lejn it-tnejn tal-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u fit-Turkija għall-partekippazzjoni tagħhom fis-sistemi u fin-networks tal-ECDC. Il-proġett ECDC-IPA5, implimentat b'assistenza finanzjarja mid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, ikkontribwixxa għat-tiżi tal-kapaċitajiet nazzjonali fis-sorveljanza, fil-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika, u fit-tnejn.

Fi Frar, l-ECDC u l-EFSA organizzaw workshop reġjonali f'Belgrad, is-Serbja, dwar l-approċċ "Saħħa Waħda" kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Xellug: Il-partekipanti tal-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC jinġabru għal ritratt tal-grupp

Ħadu sehem aktar minn erbgħin expert mis-setturi tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali.

Komunikazzjoni dwar is-saħħa pubblika

Ħafna mill-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħna huma mmirati lejn il-komunità Ewropea tas-saħħa pubblika, l-aktar l-esperti tas-saħħa pubblika, ix-xjenzjati u l-ġurnalisti.

L-ECDC ippublika 219-il publikazzjoni xjentifika fl-2019, inklużi valutazzjonijiet tar-riskju rapidi u rapporti ta' sorveljanza regolari. Il-bullettin dwar il-publikazzjonijiet kellu 4 217-il abbonat fl-2019, 488 aktar mis-sena l-oħra. L-ECDC qiegħed jippublika dejjem aktar *data*, graffs, mapep u infografika bħala assi li jistgħu jitniżżlu, ħielsa mid-drittijiet tal-awtur sabiex

is-sħab u l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-ECDC. In-numru ta' segwaċi fil-kont korporattiv ta' Twitter tal-ECDC (@ECDC_EU) kiber b'4 738 segwaċi ġodda, b'żieda ta' 19 % fil-mija. L-ECDC issa għandu kważi 30 000 segwaċi fuq Twitter. Il-kontijiet kollha tal-midja soċjali tal-ECDC huma vverifikati bħala sors ta' fiduċja, li jsaħħaħ il-kredibbiltà tagħhom.


Analiżi tal-midja għall-2019 turi li 7 973 (10 047 fl-2018) silta mill-midja li jsemmu l-ECDC ġew ippubblikati fl-UE (kemm stampati kif ukoll online, minbarra l-midja soċjali), tnaqqis ta' 20 %. L-aktar suġġetti popolari msemmija fl-aħbarijiet kienu l-vaċċini u l-immunizzazzjoni, il-ħosba, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-konsum tal-antibijotiċi, l-influenza staġjonali u tat-tjur, it-TB, l-STIs, l-HIV, u l-epatite.

Isfel: Laqgħa transettoralji għall-portal il-ġdid dwar it-tilqim




L-ECDC f'numri

Bilanċ bejn il-ġeneri tal-ECDC



Baġit 2019



Il-persunal tal-ECDC skont il-pajjiż



Mill-31 ta' Diċembru 2019, l-ECDC kellu total ta' 268 membru tal-persunal statutorju.

**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni
u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)**

Gustav III:s Boulevard 40
169 73 Solna, l-Iżvezja

Tel. +46 (0)8 58 60 10 00
Fax +46 (0)8 58 60 10 01
www.ecdc.europa.eu

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
www.europa.eu

Abbona għall-pubblikazzjonijiet tagħna
www.ecdc.europa.eu/en/publications

Ikkuntattjana
publications@ecdc.europa.eu

🐦 Segwina fuq Twitter
[@ECDC_EU](https://twitter.com/ECDC_EU)

📘 Agħmel like fuq il-paġna tagħna ta' Facebook
www.facebook.com/ECDC.EU



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea